**FKNK**

19 Ottubru 2011

## L-Insib ta' Għasafar Mhux Protetti

Fl-1 ta' Settembru 2011, bħal ma dejjem sar għal dan l-aħħar snin, kellu jinfetaħ l-istaġun tal-insib għall-żewġ għasafar mhux protetti, gamiem u summien, pero' l-Gvern arbitrarjament u mingħajr ebda raġuni loġika jew xjentifika, ma fetaħx dan l-istaġun.

Għada, l-20 ta' Ottubru 2011, ukoll bħal ma dejjem kien, suppost jiftaħ l-istaġun tal-insib għall-żewġ għasafar oħra mhux protetti, pluvieri u mlievez, pero' s'issa jidher li l-Gvern, qed isib xi diffikultajiet ukoll biex jiftħu.

Sadanittant, mill-1 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2012, l-istaġun tal-kaċċa għal dawn l-istess erbgħa għasafar huwa miftuħ b'mod illi jistgħu jittiehdu mis-selvaġġ, pero' mhux ħajjien.

Għalhekk, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) trid tinforma lin-nassaba li dawn l-istaġuni tal-insib s'issa għadhom ma infetħux minħabba l-fatt li, għas-snin 2004 sal-2010 li fihom il-Gvern iddeċieda jiftaħom b'applikazzjoni ta' deroga kull sena, dawn l-applikazzjonijiet ta' deroga saru b'mod skorett mill-istess Gvern u għalhekk ma kienux aċċettabbli għall-Kummissjoni li ilha li avżatu b'dan mis-sena 2009.

Madankollu, u peress ukoll li kellha laqgħat formali, diskussjonijiet personali u korrispondenza ma l-għola uffiċjali tal-Kummissjoni tal-UE, l-FKNK kienet infurmata li għad hemm iċ-ċans u l-ħin li jintlaħaq ftehim biex l-istaġun tal-insib għall-inqas tal-pluvieri u l-imlievez jinfetaħ. L-FKNK qegħda terġa tappella sabiex l-Gvern jiċċara minnufih u b'mod urġenti, d-dettalji li għandu f'idejħ abbażi tar-rapporti dettaljati li ngħata mill-istess FKNK, mal-Kummissjoni, u jiddikjara l-ftuħ ta' l-istaġun ta' l-insib ta' din il-ħarifa. Il-karti qegħdin f'idejn il-Gvern sabiex juzahom fl-aħjar interess, kemm tiegħu, kif ukoll f'dak tan-nassaba Maltin u Għawdxin ukoll ċittadini Ewropej, għax altrimenti, ser tkun l-ewwel sena fl-istorja ta' pajjiżna li ma sarx insib għad-detriment tal-kultura u ħajja soċjali tal-gżejjer tagħna. Barra milli wegħda oħra tal-Gvern lill-poplu Malti u Għawdxi mkissra.

Fl-aħħarnett, l-FKNK twiegħed lin-nassaba li din mhux ħa tieqaf hawn, u li l-Federazzjoni ser tibqa' tagħmel dak kollu possibbili sabiex in-namra soċjo-kulturali u tradizzjonali tal-insib inġenerali, bi dritt u kif xierraq, terġa tiġi stabbilita fuq bażi soda u legali fil-gżejjer Maltin.

Lino Farrugia
Segretarju Ġenerali